MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-22 ta' April, 2013

Talba Numru. 457/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Quantum PC Limited (C46817)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' elf, mija u disgħa u tletin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€1139.91), in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40140588* reżi mis-soċjeta′ attriċi lis-soċjeta` konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta u r-rappreżentant tagħha ġew debitament notifikati kemm

bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, is-soċjeta` konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ elf, mija u disgħa u tletin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€1139.91), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba fit-3 ta’ Lulju 2012, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------